

# REAZZJONI GĦALL-BAĠIT 2027

KNŻ

# KONTENUT

PREAMBOLU

GĦAQDIET MHUX GOVERNATTIVI U VOLONTARJI

INTERNSHIPS MHUX IMĦALLSA

DJAR

SAĦĦA

SPORT

EDUKAZZJONI

COLA

TRASPORT

GĦAWDEX

TURIŻMU SOSTENIBBLI

UGWALJANZA, DRITTIJIET ĊIVILI, INKLUŻJONI U RIFORMI

MIŻURI LI JOLQTU INDIVIDWI TA' PAJJIŻI TERZI

AMBJENT U ENERĠIJA

ARTI U KULTURA

AFFARIJIET BARRANIN

XJENZA, RIĊERKA, INNOVAZZJONI U TEKNOLOĠIJA

REAZZJONI GĦALL-BAĠIT

# PREAMBOLU



Il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ (KNŻ), bħala l-entità li tirrappreżenta l-interessi u l-aspirazzjonijiet taż-żgħażagħ f'Malta, jippreżenta din ir-reazzjoni għall-Budget 2027 bl-għan li jenfasizza l-prijoritajiet u t-tħassib taż-żgħażagħ fil-qasam soċjali, ekonomiku u istituzzjonali. Il-baġit nazzjonali huwa opportunità importanti biex jiġu indirizzati l-isfidi li jaffettwaw direttament il-ħajja taż-żgħażagħ.

Din ir-reazzjoni għandha titqies ukoll fil-kuntest tar-rwol essenzjali li għandhom il-Kunsilli taż-Żgħażagħ (National Youth Councils) madwar l-Ewropa. Dawn il-kunsilli jaħdmu biex jagħtu vuċi liż-żgħażagħ, isaħħu l-parteċipazzjoni tagħhom fit-teħid tad-deċiżjonijiet u jservu bħala pont bejn din id-demografija u l-istituzzjonijiet. Madankollu, il-kapaċità tagħhom li jwettqu dan ir-rwol tiddependi wkoll minn finanzi adegwati, u mill-volontà tal-Istat. Fi żmien meta l-limitazzjonijiet fil-finanzi u fir-riżorsi disponibbli għall-organizzazzjonijiet u l-istrutturi taż-żgħażagħ f'diversi pajjiżi Ewropej qed joħolqu sfidi, Malta għandha tiżgura li ma tiħux direzzjoni fejn ir-rappreżentanza taż-żgħażagħ tkun mistennija twettaq aktar b'riżorsi li ma jkunux proporzjonati mar-responsabbiltajiett tagħha.

It-twaqqif ta' Ministeru b'responsabbiltà speċifika għaż-żgħażagħ joħloq opportunità biex il-politika nazzjonali dwar iż-żgħażagħ tingħata aktar viżibbiltà u importanza. Madankollu, ir-rikonoxximent istituzzjonali għandu jkun akkumpanjat minn impenn konkret fir-riżorsi. Għall-KNŻ, huwa essenzjali li responsabbiltajiet akbar lejn is-settur taż-żgħażagħ ikunu sostnuti minn finanzi xierqa sabiex il-Kunsill ikun jista' jkompli jwettaq il-missjoni tiegħu b'mod indipendenti u effettiv.

Għaldaqstant, dan id-dokument mhuwiex biss valutazzjoni tal-miżuri mħabbra fil-Baġit 2027, iżda wkoll sejħa għal politika dwar iż-żgħażagħ li tmur lil hinn minn wegħdiet u inizjattivi individwali. Il-KNŻ jenfasizza l-ħtieġa li l-investiment fiż-żgħażagħ jitqies bħala investiment fit-tul fil-ġejjieni ta' Malta, u li l-prijoritajiet tagħhom ikunu akkumpanjati minn miżuri konkreti.

Permezz ta' din ir-reazzjoni, il-KNŻ għandu l-għan li jikkontribwixxi għal diskussjoni kostruttiva dwar kif il-Baġit 2027 jista' jwieġeb aħjar għall-ħtiġijiet taż-żgħażagħ u jsaħħaħ il-kundizzjonijiet li jippermettulhom jgħixu b'dinjità, ikollhom opportunitajiet ġusti u jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà Maltija.

# GĦAQDIET MHUX GOVERNATTIVI U VOLONTARJI

FFilwaqt li s-sena li għaddiet rajna diversi miżuri pożittivi, din is-sena ma rajniex proposti ġodda li jindirizzaw il-ħtiġijiet tas-settur volontarju u ta' dawk li jagħtu l-ħin, l-enerġija u l-kompetenzi tagħhom għall-ġid komuni.

L-ewwel nett, huwa importanti li nenfasizzaw li għadna ma rajniex l-introduzzjoni ta' leave speċjali għall-volontarjat. Hemm żgħażagħ li jirrappreżentaw lil pajjiżna f'fora, laqgħat u avvenimenti internazzjonali, iżda biex jagħmlu dan ikollhom jużaw il-leave annwali tagħhom stess. Dan jista' joħloq ostaklu għal dawk li jixtiequ jinvolvu ruħhom aktar fil-ħajja ċivika u volontarja. Għaldaqstant, il-Kunsill jipproponi l-introduzzjoni ta' leave speċjali għal attivitajiet volontarji u ta' rappreżentanza rrikonoxxuta, permezz ta' qafas ċar li jikkunsidra kemm il-ħtiġijiet tal-voluntiera kif ukoll dawk ta' min iħaddem.

Barra minn hekk, ħafna mill-attivitajiet marbuta mar-rappreżentanza taż-żgħażagħ isiru filgħodu matul il-ġimgħa, u dan jista' jillimita l-parteċipazzjoni ta' dawk li jaħdmu jew jistudjaw. Għalhekk, huwa importanti li jiġu esplorati miżuri ta' flessibbiltà li jiffaċilitaw l-involviment taż-żgħażagħ, filwaqt li jippromwovu bilanċ aħjar bejn ix-xogħol, l-istudju u l-impenn volontarju.

Il-Kunsill jemmen li hemm bżonn aktar inċentivi biex iż-żgħażagħ jingħaqdu ma' għaqdiet volontarji u jibqgħu attivi fihom. Dawn l-inċentivi m'għandhomx ikunu limitati għall-istudenti, iżda għandhom jinkludu kull żgħażugħ/a bejn l-eta ta' 13 u 35-il sena, (ukoll liż-żgħażagħ li diġà jinsabu fid-dinja tax-xogħol) u li, minkejja r-responsabbiltajiet tagħhom, ikomplu jagħtu kontribut lis-soċjetà.

Il-Kunsill jipproponi wkoll li tiġi kkunsidrata żieda fl-istipendji għal dawk eliġibbli li jkunu involuti b'mod attiv f'għaqdiet volontarji. Jekk din il-miżura ma tkunx fattibbli, il-Gvern għandu jeżamina l-possibbiltà li jintroduċi inċentivi fiskali marbuta mas-sigħat ta' ħidma volontarja mwettqa minn individwi eliġibbli. Tali sistema għandha tkun ibbażata fuq kriterji ċari u mekkaniżmu xieraq ta' verifika, sabiex il-kontribut volontarju jingħata valur konkret u l-appoġġ ikun aċċessibbli kemm għal dawk li jistudjaw kif ukoll għal dawk li jaħdmu.

F'dan il-kuntest, ir-rikonoxximent tal-volontarjat għandu jmur lil hinn mill-premjijiet u ċ-ċerimonji uffiċjali. Għalkemm f'Malta diġà jeżistu inizjattivi bħall-Premjijiet Nazzjonali għall-Volontarjat, jeħtieġ li l-esperjenza miksuba permezz tal-volontarjat tiġi rikonoxxuta b'mod aktar sistematiku bħala esperjenza siewja għall-iżvilupp personali u professjonali. Għalhekk, il-Kunsill jipproponi l-iżvilupp ta' sistema nazzjonali li tirrikonoxxi l-ħiliet u l-kompetenzi miksuba permezz tal-ħidma volontarja, fosthom it-tmexxija, il-ġestjoni ta' proġetti, il-komunikazzjoni, il-ħidma f'tim u l-organizzazzjoni ta' attivitajiet.

Dan ir-rikonoxximent għandu jkun rifless ukoll fis-suq tax-xogħol. Il-Kunsill jipproponi li Jobsplus, flimkien mal-partijiet ikkonċernati, jeżamina kif l-esperjenza u r-responsabbiltajiet miksuba fis-settur volontarju jistgħu jiġu rikonoxxuti fil-proċessi ta' tfittxija u applikazzjoni għall-impjieg. Għandu jkun hemm mezzi biex il-voluntiera jkunu jistgħu jiddokumentaw u jivverifikaw il-ħidma mwettqa, ir-rwoli li kellhom u l-ħiliet li żviluppaw, sabiex dawn ikunu jistgħu jitqiesu waqt ir-reklutaġġ u l-iżvilupp professjonali. B'hekk, l-esperjenza volontarja 2 ma tibqax titqies biss bħala attività ekstrakurrikulari, iżda tingħata l-valur li jistħoqqilha bħala esperjenza importanti u ta' impatt f'ħajjet dik il-persuna.

Il-Kunsill jipproponi wkoll li tiġi kkunsidrata sistema li permezz tagħha l-kontribwenti jkunu jistgħu jidderieġu persentaġġ mit-taxxa tagħhom lejn għaqda volontarja rreġistrata tal-għażla tagħhom, suġġett għal qafas regolatorju xieraq. Dan jista' jipprovdi sors addizzjonali ta' finanzjament għall-għaqdiet u jsaħħaħ ir-rabta bejn il-komunità u s-settur volontarju.

Fl-aħħar nett, jeħtieġ li nkomplu ninvestu fil-kapaċità tal-għaqdiet volontarji permezz ta' appoġġ amministrattiv, taħriġ u aċċess għal finanzjament sostenibbli. Ħafna minn dawn l-għaqdiet jiddependu fuq il-ħidma ta' voluntiera li jkollhom ukoll responsabbiltajiet professjonali, akkademiċi u personali. Għalhekk, huwa importanti li l-appoġġ mogħti lil dan is-settur jirrifletti l-ħtiġijiet reali tiegħu u jippermetti lill-għaqdiet ikomplu jwettqu l-ħidma tagħhom b'mod effettiv.

Il-Kunsill jemmen li l-volontarjat għandu rwol essenzjali fis-soċjetà tagħna u li l-kontribut tiegħu m'għandux jitqies bħala xi ħaġa skontata. Għaldaqstant, nappellaw biex il-volontarjat jingħata aktar importanza fil-politika pubblika permezz ta' miżuri konkreti li jinkoraġġixxu aktar nies biex jinvolvu ruħhom, filwaqt li jiżguraw li dawk li diġà jagħtu kontribut lis-soċjetà jingħataw ir-rikonoxximent, l-inċentivi u l-opportunitajiet li jixirqilhom.

# INTERNSHIPS MHUX IMĦALLSA

Waħda mill-isfidi komuni li jiffaċċjaw iż-żgħażagħ f'pajjiżna hija n-nuqqas ta' opportunitajiet ta' impjieg li joffru prospetti tajbin ta' żvilupp professjonali wara li jtemmu l-edukazzjoni terzjarja. Dan jista' jwassal biex aktar żgħażagħ ifittxu opportunitajiet barra minn xtutna, u b'hekk Malta titlef talent u kompetenzi li tkun investiet fihom. Għalhekk, huwa essenzjali li nkomplu ninvestu f'dan is-settur sabiex noffru opportunitajiet ta' impjieg aħjar, b'pagi xierqa u kundizzjonijiet tax-xogħol li jirriflettu r-realtajiet soċjoekonomiċi tal-lum u li jattiraw u jżommu t-talent żagħżugħ Malti.

Bħala Kunsill, se nkomplu nappoġġaw u nimxu mal-ħidma li qed issir fuq livell Ewropew sabiex jintemm l-użu ta' internships u traineeships mhux imħallsa. Minkejja li dawn jistgħu jipprovdu esperjenza prattika u jgħinu liż-żgħażagħ jidħlu fid-dinja tax-xogħol, huwa inaċċettabbli li l-aċċess għal dawn l-opportunitajiet jiddependi mill-kapaċità finanzjarja tal-individwu li jaħdem mingħajr remunerazzjoni. Fid-dawl tal-għoli tal-ħajja, huwa essenzjali li x-xogħol u l-kontribut taż-żgħażagħ jiġu kkumpensati b'mod ġust, sabiex kulħadd ikollu opportunitajiet indaqs biex jikseb esperjenza professjonali u javvanza fil-karriera tiegħu.

# DJAR

Il-Kunsill jirrikonoxxi t-tiġdid tal-iskemi eżistenti tax-xiri u r-rinnovazzjoni tal-proprjetà mħabbra fil-Baġit. Madankollu, jemmen li aktar azzjoni hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat li 3 ż-żgħażagħ ikollhom aċċess reali għal akkomodazzjoni affordabbli u jkunu jistgħu jilħqu l-indipendenza residenzjali.

Il-KNŻ jinnota wkoll li fil-Manifest Elettorali tal-Partit Laburista kienet imħabbra l-introduzzjoni tal-iskema 'My First Home', li permezz tagħha l-Gvern kellu jsellef sa 25% tal-valur tal-proprjetà lil first-time buyers. Madankollu, din il-miżura ma ġietx imsemmija fid-diskors tal-Baġit ta' dis-sena. Il-Kunsill ikompli jisħaq fuq l-importanza li jkun hemm ċarezza dwar l-implimentazzjoni ta' din il-proposta, inkluż meta mistennija tidħol fis-seħħ u kif iż-żgħażagħ eliġibbli se jkunu jistgħu jibbenefikaw minnha. Il-kapaċità li wieħed jixtri jew jikri dar bi prezz raġonevoli hija element essenzjali tal-indipendenza. Għal ħafna, l-ispiża tal-akkomodazzjoni tibqa' ostaklu, u għalhekk il-Kunsill jemmen li t-tiġdid tal-iskemi eżistenti mhijiex biżżejjed, u hemm bżonn ta' indirizz b'mod aktar komprensiv tal-isfidi li ż-żgħażagħ qed jaffaċċjaw.

Il-Kunsill jisħaq fuq l-importanza li jkomplu jissaħħu l-miżuri li jgħinu lil dawk li qed jixtru l-ewwel residenza tagħhom, filwaqt li jingħata aktar appoġġ lil dawk iż-żgħażagħ li ma jistgħux jixtru proprjetà u jiddependu mis-suq tal-kera. Jeħtieġ ukoll investiment kontinwu f'akkomodazzjoni affordabbli u miżuri li jippromwovu aktar sigurtà u stabbiltà. Il-Gvern huwa mitlub biex jipprovdi aktar ċarezza dwar il-miżuri mħabbra fil-Manifest Elettorali, inkluż l-iskema My First Home, b'miri ċari u miżuri li jkunu jistgħu jitkejlu f'termini tar-riżultati tagħhom. L-effettività tal-għajnuna għandha tiġi evalwata mhux biss fuq il-bażi tal-fondi allokati jew tal-iskemi mnedija, iżda wkoll fuq kemm dawn jagħmlu differenza konkreta fl-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli. Għaż-żgħażagħ, dar affordabbli m'għandhiex tkun privileġġ, iżda parti essenzjali mill-futur tagħhom.

# SAĦĦA

L-investiment fl-Isptar Mater Dei, inkluża l-espansjoni tad-Dipartiment tal-Emerġenza u t-titjib fil-kura pedjatrika, huwa importanti u meħtieġ. Madankollu, waqt li nitkellmu dwar spazji għax-xogħol u t-taħriġ tal-professjonisti, ma nistgħux ninsew lill-istudenti tal-mediċina. Fid-diskors tal-Baġit ma ssemmiex il-bini ta' skola tal-mediċina jew spazju adegwat u attrezzat għall-istudenti tal-Università ta' Malta. L-istudenti ilhom mingħajr faċilitajiet xierqa minn żmien il-COVID. Jekk irridu nsaħħu l-ħaddiema tas-saħħa tal-futur, it-tagħlim u t-taħriġ tagħhom għandhom ikunu parti ċentrali minn dan l-investiment.

Hija aħbar tajba wkoll li se tinbena sala ġdida għas-saħħa mentali b'135 sodda, u li qed jiġu ppjanati investimenti oħra f'Għawdex, fid-Dipartiment tal-Immaġnijiet Mediċi, u fl-isptarijiet Karin Grech u San Luqa. Iżda, huwa importanti li jingħataw aktar dettalji dwar l-ispejjeż, l-iskeda ta' żmien u l-persunal meħtieġ biex dawn il-proġetti jsiru servizzi li jaħdmu tassew għall-pazjenti.

Hemm ukoll tħassib dwar it-tnaqqis fl-eliġibbiltà għall-kura tat-tfal b'xejn għal familji ġodda ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCNs). Dawn il-ħaddiema jagħtu kontribut importanti lis-servizzi tas-saħħa f'Malta. Jekk il-kura tat-tfal issir inqas aċċessibbli għalihom, dan jista' jżid il-pressjoni finanzjarja u emozzjonali fuq il-familji tagħhom u jagħmilha aktar diffiċli għal xi ħaddiema biex jibqgħu jaħdmu. Dan għandu jiġi kkunsidrat f'pajjiż fejn is-servizzi tas-saħħa qed jiddependu dejjem aktar minn ħaddiema barranin.

# SPORTS

Il-KNŻ jilqa' l-introduzzjoni ta' għaxart ijiem ta' sports leave imħallsa mill-Gvern għall-atleti li jirrappreżentaw lil Malta f'Kampjonati Ewropej u Dinjin, miżura li se tapplika wkoll għall-persunal tekniku u mediku lu jakkumpanjahom. Din hija miżura prattika u li ilha mistennija, li tirrikonoxxi li r-rappreżentanza ta' paiijiżna m'għandiex issir għad-detriment tal-leave annwali tal-atleti. Fid-dawl tal-fatt li ħafna atleti żgħażagħ ikollhom jibbiljanċjaw ix-xogħol, l-istudju u t-taħriġ, il-Kunsill iqis li din il-miżura tindirizza wieħed mill-ostakli ewlenin li jiffaċjaw biex jirrapreżentaw lil Malta f'livell internazzjonali. Madankollu, il-Kunsill jixtieq iżid li ż-żgħażagħ li jirrappreżentaw lil Malta fuq livell internazzjonali m'għandhomx ikollhom iġorru huma stess l-ispiża ta' spejjeż bażiċi relatati mal-parteċipazzjoni tagħhom.

Il-Kunsill jilqa' wkoll it-tiġdid tal-iskemi eżistenti ta' inċentivi għall-organizzazjonijiet sportivi. Il-klabbs u l-assoċjazzjonijiet sportivi huma, għal ħafna żgħażagħ, l-ewwel punt ta' kuntatt mal-isport, kemmn bħala atleti kif ukoll bħala voluntiera, u finanzjament stabbli huwa essenjali biex dawn ikunu jistgħu jkomplu joffru s-servizzi tagħhom.

Madankollu, il-Kunsill iqis li l-kapitlu dwar l-isport f'dan il-Baġit joffri ftit wisq miżuri li jindirizzaw b'mod dirett il-ħtiġijiet taż-żgħażagħ. Il-miżura ewlenija tibbenefika primarjament lil atleti li diġà jinsabu fid-dinja tax-xogħol u li diġà qed jikkompetu fl-ogħla livell. Mill-banda l-oħra, ftit li xejn tagħmel differenza għall-istudenti li huma wkoll atleti, għaż-żgħażagħ fl-età tal-adolexxenza li jinsabu f'riskju li jabbandunaw l-isport, jew għall-kowċis żgħażagħ li jagħtu ħinhom b'mod volontarju biex il-klabbs jibqgħu għaddejjin.

Dan in-nuqqas huwa aktar sinifikanti fid-dawl tal-fatt li s-sena d-dieħla Malta se tospita l-Commonwealth Youth Games, li se jlaqqgħu madwar 1,200 atleta ta' bejn 14 u 18-il sena minn 74 nazzjon u territorju. Dan l-avveniment jirrappreżenta opportunità unika għall-atleti żgħażagħ Maltin biex jikkompetu f'pajjiżhom, u għal eluf ta' żgħażagħ oħra biex jinvolvu ruħhom bħala voluntiera, uffiċjali jew spettaturi. Għaldaqstant, il-Kunsill kien jistenna li l-Baġit jippreżenta pjan ċar għat-tħejjija tat-tim nazzjonali żagħżugħ, kif ukoll viżjoni biex il-Logħob iħalli wirt dejjiemi fil-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fl-isport. Pjan bħal dan, madankollu, ma ssemmiex.

# EDUKAZZJONI

Il-Kunsill jesprimi d-diżappunt tiegħu għall-attenzjoni limitata mogħtija lis-settur edukattiv f'dan il-Baġit. Filwaqt li jilqa' l-għotja ta' €500 għal kull wild li jkun qed isegwi edukazzjoni postsekondarja, iqis li kien hemm lok għal impenn aktar ambizzjuż u miżuri aktar konkreti biex jissaħħaħ is-settur. Minkejja li d-diskors tal-Baġit jirreferi għal investiment fit-tagħmir, fl-ispazji edukattivi u fir-riżorsi umani, il-Kunsill jemmen li dawn l-impenji kellhom ikunu akkumpanjati minn miżuri aktar speċifiċi u tanġibbli biex tittejjeb l-infrastruttura edukattiva, jissaħħu r-riżorsi disponibbli u jinħoloq ambjent li jiffavorixxi l-parteċipazzjoni u l-iżvilupp sħiħ ta' kull student.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill iqis li għandha tingħata aktar importanza lit-tħejjija taż-żgħażagħ għall-isfidi u l-opportunitajiet marbuta mal-intelliġenza artifiċjali. Filwaqt li jirrikonoxxi li miżuri preċedenti għenu biex jitwessa' l-aċċess għall-għodod tal-intelliġenza artifiċjali, jenfasizza li l-aċċess waħdu mhuwiex biżżejjed. L-istudenti jeħtieġu wkoll il-ħiliet u l-għarfien meħtieġa biex jifhmu kif jaħdmu dawn l-għodod, jevalwaw b'mod kritiku l-informazzjoni u r-riżultati li jipproduċu, u jużawhom b'mod responsabbli u etiku. Għaldaqstant, il-litteriżmu fl-intelliġenza artifiċjali għandu jkun parti integrali minn edukazzjoni moderna u inklużiva li tħejji lill-istudenti għas-soċjetà diġitali li ngħixu fiha.

Dan huwa marbut mill-qrib mal-iżvilupp tal-ħsieb kritiku, li huwa essenzjali biex l-istudenti jkunu jistgħu jiddistingwu bejn informazzjoni affidabbli u dik li mhijiex, janalizzaw l-informazzjoni li jirċievu u jaslu għal konklużjonijiet infurmati. Ir-riżultati tal-istudju internazzjonali PISA jindikaw li għad hemm lok għal titjib fil-prestazzjoni tal-istudenti Maltin, u jsaħħu l-importanza li l-iżvilupp ta' dawn il-ħiliet jingħata aktar prominenza fis-sistema edukattiva. It-tħassib dwar dan il-qasam huwa aktar sinifikanti fid-dawl tar-rikonoxximent, fid-diskors tal-Baġit stess, li Malta teħtieġ li tinvesti fil-ħiliet biex tkun tista' tirnexxi f'ekonomija bbażata fuq l-intelliġenza artifiċjali.

Il-Kunsill għalhekk iħeġġeġ lill-Gvern biex dan ir-rikonoxximent jinbidel f'miżuri konkreti, inkluż pjan ċar għall-promozzjoni tal-litteriżmu fl-intelliġenza artifiċjali fl-iskejjel, li jiżgura li l-istudenti jkunu kapaċi mhux biss jaċċessaw dawn it-teknoloġiji, iżda wkoll jifhmuhom u jużawhom b'mod kritiku, responsabbli u infurmat.

Il-Kunsill ifakkar ukoll li l-ħsieb kritiku għandu rwol importanti fit-tisħiħ tal-għarfien politiku u tal-parteċipazzjoni demokratika taż-żgħażagħ. Fil-fatt, il-Kunsill kien diġà enfasizza l-ħtieġa għal investiment aktar b'saħħtu f'dawn l-oqsma fis-sottomissjoni tiegħu għall-konsultazzjoni pubblika dwar l-Istrateġija għall-Edukazzjoni li saret fis-snin preċedenti. Għaldaqstant, jesprimi d-diżappunt tiegħu li l-Baġit ta' din is-sena lanqas ma jippreżenta miżuri konkreti f'dan ir-rigward. Il-Kunsill iqis li huwa essenzjali li l-istituzzjonijiet juru fiduċja fiż-żgħażagħ u joħolqu opportunitajiet aktar sinnifikanti biex jiżviluppaw il-ħsieb kritiku tagħhom, jifhmu l-proċessi demokratiċi u jieħdu sehem attiv fil-ħajja ċivika u fit-tfassil tal-futur ta' pajjiżna. Fl-istess waqt, nixtiequ nfakkru l-Gvern bil-prioritarjiet li l-KNŻ żied kemm fil-konsultazzjoni tal-istrateġija tal-Edukazzjoni kif ukoll fil-konsultanzzjoni tal-istrateġija tas-Saħħa Sesswali, dwar l-importanza tal-inklużjoni ta' Comprehensive Sexual Education fil-kurrikuli tal-iskejjel kollha f'Malta u Għawdex, u n-neċessità tal-involviment ta' kemm l-istudenti imma anke l-edukaturi u l-għalliema.

F'dan ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza wkoll li l-politika dwar iż-żgħażagħ hija aktar rappreżentattiva u effettiva meta ż-żgħażagħ ikollhom rwol attiv fit-tfassil tagħha permezz tal-organizzazzjonijiet tagħhom stess, u mhux meta l-involviment tagħhom ikun limitat għal proċessi ta' konsultazzjoni. Għalhekk, huwa importanti li l-Gvern isaħħaħ il-parteċipazzjoni sinnifikanti taż-żgħażagħ fit-teħid tad-deċiżjonijiet u jiżgura li l-fehmiet u l-proposti tagħhom ikunu jistgħu jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet li jaffettwawhom.

# COLA

Il-Kunsill jirrikonoxxi l-miżuri mħabbra fil-Baġit sabiex jittaffa l-impatt tal-għoli tal-ħajja, fosthom il-mekkaniżmu tal-Cost of Living Adjustment (COLA) li dis-sena ħareġ għal €6.41 fil-ġimgħa, it-tiġdid it-tiġdid tal-applikazzjoni tiegħu u ż-żieda fil-paga minima nazzjonali.

Madankollu, il-Kunsill jisħaq li l-isfida tal-għoli tal-ħajja teħtieġ perspettiva fit-tul li tiżgura li ż-żgħażagħ ikunu jistgħu jgħixu b'indipendenza. Iż-żieda fil-pagi għandha tiġi kkunsidrata fil-kuntest tal-ispejjeż reali li jiffaċċjaw iż-żgħażagħ, inklużi l-ikel, il-kera, it-trasport u l-ispejjeż marbuta mal-edukazzjoni u l-ħajja indipendenti. Il-KNŻ jinnota li ż-żieda fil-COLA hija maħsuba biex tikkumpensa għall-inflazzjoni, iżda ż-żieda fil-pagi weħidha ma tiggaratnixxix li l-poter tal-akkwist taż-żgħażagħ jinżamm. Għalhekk, huwa importanti li l-effett tal-inflazzjoni fuq il-ħajja ta' kuljum jiġi evalwat kontinwament u li l-miżuri ta' appoġġ jirriflettu l-ħtiġijiet reali ta' dawk li qed jistudjaw, jibdew il-karriera tagħhom jew jippruvaw jibnu ħajja indipendenti.

Il-Kunsill jilqa' t-tiġdid tal-mekkaniżmu addizzjonali tal-COLA, li għandu rwol importanti fl-appoġġ lil familji u individwi bi dħul baxx jew medju. Fl-istess waqt, jenfasizza l-importanza li l-għajnuna soċjali tkun aċċessibbli għal dawk li verament jeħtiġuha u li l-effettività tagħha tiġi evalwata b'mod regolari, b'attenzjoni partikolari għall-persuni u l-familji li jibqgħu vulnerabbli għall-pressjonijiet finanzjarji.

Il-KNŻ iħeġġeġ ukoll aktar ħidma sabiex il-pagi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-opportunitajiet ta' impjieg ikunu jistgħu joffru liż-żgħażagħ stabbiltà ekonomika reali. L-indipendenza finanzjarja m'għandhiex tiddependi biss fuq miżuri ta' għajnuna temporanja, iżda għandha tkun sostnuta minn kundizzjonijiet li jippermettu liż-żgħażagħ ikopru l-ispejjeż essenzjali tagħhom u jippjanaw il-futur tagħhom b'aktar ċertezza.

# TRASPORT

Il-Kunsill jesprimi d-diżappunt tiegħu għan-nuqqas ta' miżuri konkreti u ambizzjużi fil-qasam tat-trasport, partikolarment fid-dawl tal-ħolqien ta' Ministeru ddedikat għall-mobilità sostenibbli u l-enfasi li ngħatat lil dan is-settur fil-manifest elettorali u permezz tal-kampanja Malta in Motion.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill kien jistenna li l-Baġit jippreżenta viżjoni aktar ċara u miżuri konkreti biex jindirizzaw l-isfidi persistenti tal-mobbiltà f'Malta. In-nuqqasijiet fis-sistema tat-trasport pubbliku u l-infrastruttura relatata jibqgħu sors ta' tħassib għal ħafna residenti, peress li jaffettwaw mhux biss lil dawk li jiddependu mit-trasport pubbliku, iżda lis-soċjetà kollha. Dawn l-isfidi għandhom impatt dirett fuq il-konġestjoni tat-traffiku, il-kwalità tal-arja, l-ambjent u l-kwalità tal-ħajja. Iż-żgħażagħ, l-anzjani u persuni li ma jistgħux jew ma jifilħux għall-ispiża ta' vettura privata huma partikolarment dipendenti fuq sistema ta' trasport pubbliku li tkun affidabbli, aċċessibbli, frekwenti u effiċjenti. Għaldaqstant, il-mobilità sostenibbli għandha titqies bħala servizz essenzjali u bħala parti integrali mill-ippjanar ambjentali u soċjali tal-pajjiż.

Il-Kunsill jinsab imħasseb ukoll li t-tneħħija tal-aċċess għat-trasport pubbliku b'xejn għal persuni minn pajjiżi terzi huwa dizinċentiv għat-trasport pubbliku. F'pajjiż li diġà qed jiffaċċja pressjoni kbira mit-traffiku, kwalunkwe bidla f'dan il-qasam għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-impatt tagħha fuq l-għażliet ta' mobilità tan-nies u fuq l-għan li titnaqqas id-dipendenza fuq il-karozzi privati.

Għalhekk, il-Kunsill jistieden lill-Gvern biex imur lil hinn minn miżuri individwali u jippreżenta pjan komprensiv u fit-tul għall-mobilità sostenibbli, b'miri ċari, skadenzi definiti u investiment adegwat. Dan għandu jinkludi t-titjib fil-frekwenza, il-puntwalità u l-kopertura tat-trasport pubbliku, konnessjonijiet aktar effiċjenti bejn lokalitajiet, u infrastruttura aktar sigura għall-mixi u r-roti. Il-mobilità sostenibbli teħtieġ bidla strutturali li tagħmel it-trasport pubbliku għażla prattika u affidabbli għal kulħadd.

# GĦAWDEX

Filwaqt li l-baġit jinkludi proposti għal Għawdex, il-Kunsill ma jistax ma jinnotax in-nuqqas ta' kapitlu dedikat direttament lejn il-gżira Għawdxija u l-futur tagħha. Għalkemm Għawdex jagħmel parti integrali minn Malta u ma jistax jitqies separatament mill-kumplament tal-pajjiż, l-Għawdxin u speċjalment iż-żgħażagħ Għawdxin jiffaċjaw sfidi addizzjonali f'oqsma diversi fosthom l'opportunitajiet ta' impjieg, edukazzjoni, u il-mobilità. Għalhekk, kapitlu dedikat ma jkunx sempliċiment kwistjoni ta' distinzjoni amministrattiva iżda rikonoxximent ta' dawn l-isfidi addizzjonali u għodda konkreta biex dawn l-isfidi jiġu indirizzati u segwiti b'mod aktar ċar u konkret. Għawdex jistħoqqlu viżjoni fit-tul, b'miżuri li jinvestu fl-iżvilupp infrasttraturali tal-gżira u li joħolqu opportunitajiet għall-ġenerazzjonijiet preżenti u tal-futur, speċjalment sabiex iż-żgħażagħ Għawdxin ma jkollhomx għalfejn iħallu l-gżira tagħhom biex ikollhom il-possibbiltà li jgħixu ħajja diċenti.

# TURIŻMU SOSTENIBBLI

It-turiżmu huwa wieħed mill-iktar setturi importanti għall-ekonomija Maltija, u għalhekk huwa essenzjali li t-tkabbir tiegħu jkun akkumpanjat minn ippjanar fit-tul, investiment infrastrutturali u ħarsien tal-ambjent u l-benesseri tar-residenti.

Il-miżuri mħabbra fil-Baġit għall-2027 jinkludu żieda fl-eko-taxxa, li se titla' għal €8 kull lejl għal kull persuna f'akkomodazzjoni kollettiva, b'limitu massimu ta' €64 għal kull persuna, u għal €10 kull lejl għal kull persuna f'appartamenti għall-kiri turistiku għal żmien qasir, b'limitu massimu ta' €80 għal kull persuna. Barra minn hekk, se tiddaħħal kontribuzzjoni ta' €10 kull lejl għal passiġġieri tal-cruise liners li kemm jibdew kif ukoll itemmu l-vjaġġ tagħhom f'Malta fuq l-istess bastiment, filwaqt li t-turisti li jżuru l-Blue Lagoon f'Kemmuna se jkunu suġġetti għal kontribuzzjoni ta' €5, miżura li kienet ukoll issuġġerita fil-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ 2026. Skont il-Baġit, iż-żieda fl-eko-taxxa hija mistennija tiġġenera madwar €182 miljun fi dħul. Għal persuni non-residenti, il-Baġit ħabbar ukoll żieda ta' €3 għal kull vjaġġ fuq is-servizzi tal-fast ferry, kif ukoll tariffi riveduti għall-vapur bejn Malta u Għawdex, b'tariffa ta' €11 għall-adulti, €7 għat-tfal u €22 għall-vetturi.

Filwaqt li dawn il-miżuri jistgħu jgħinu biex jiġġeneraw riżorsi addizzjonali, il-Kunsill jemmen li huwa importanti li jkun hemm aktar ċarezza dwar kif dan id-dħul se jintuża, b'mod partikolari biex jindirizza l-pressjonijiet li t-turiżmu joħloq fuq l-infrastruttura, l-ambjent u l-komunità lokali. Il-kontribuzzjonijiet miġbura għandhom ikunu akkumpanjati minn investiment konkret u trasparenti f'servizzi pubbliċi, spazji rikreattivi, tindif, ġestjoni tal-iskart, protezzjoni tal-bijodiversità u titjib tal-faċilitajiet f'żoni li jattiraw numru kbir ta' viżitaturi. F'dan ir-rigward, huwa importanti b'mod partikolari li l-kontribuzzjoni ta' €5 għal żjarat fil-Blue Lagoon tkun marbuta ma' miżuri effettivi u konkreti għall-protezzjoni tal-ambjent, it-titjib tal-faċilitajiet, iż-żamma tal-indafa u s-sigurtà tal-viżitaturi.

B'mod separat, filwaqt li l-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza ekonomika tat-turiżmu għal Għawdex, jemmen li r-reviżjoni tat-tariffi tista' tikkontribwixxi għal mudell ta' turiżmu aktar sostenibbli. Dan fid-dawl tal-pressjoni dejjem tikber fuq il-gżira minħabba ż-żieda fin-numru ta' viżitaturi, flimkien mat-tkabbir tal-popolazzjoni u l-isfidi infrastrutturali eżistenti. Għalhekk, huwa essenzjali li t-turiżmu jiġi ppjanat b'mod li jirrispetta l-kapaċità ta' Għawdex u jipproteġi l-kwalità tal-ħajja tar-residenti.

Il-Kunsill jemmen li l-miżuri fiskali mħabbra fil-Baġit għandhom ikunu parti minn strateġija usa' għat-turiżmu sostenibbli, li torbot id-dħul miġbur ma' riżultati ambjentali u soċjali konkreti. L-għan għandu jkun li Malta tattira turiżmu ta' kwalità matul is-sena kollha, filwaqt li tipproteġi l-ambjent naturali u urban tagħha u tiżgura li l-benefiċċji tat-turiżmu ma jiġux akkumpanjati minn piż sproporzjonat fuq ir-residenti u l-infrastruttura pubblika.

# UGWALJANZA, DRITTIJIET ĊIVILI, INKLUŻJONI U RIFORMI

Il-Kunsill jilqa' l-miżuri mħabbra li għandhom l-għan li jsaħħu l-inklużjoni soċjali u jtejbu l-appoġġ lil persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.

Fost il-miżuri pożittivi hemm il-kopertura sħiħa tal-ispejjeż tat-terapiji meħtieġa għat-tfal b'diżabilità taħt it-18-il sena, iż-żieda fil-Carers Grant għal €7,500 fis-sena u l-kopertura tal-ispejjeż ta' persuna li takkumpanja adult li jirċievi kura barra minn Malta. Il-Kunsill jilqa' ukoll iż-żieda fl-għajnuna għall-carers fid-dar u l-għoti ta' għaxart ijiem leave addizzjonali lill-ħaddiema li jkunu foster carers. Dawn il-miżuri jistgħu jnaqqsu l-piż finanzjarju fuq il-familji, iżda għandhom ikunu akkumpanjati minn servizzi aċċessibbli u ta' kwalità, kriterji ċari ta' eliġibbiltà u proċeduri amministrattivi li ma joħolqux ostakli bla bżonn.

Il-Kunsill jinnota wkoll il-miżura li permezz tagħha l-Gvern se jkopri sa sentejn ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għal persuni li jieqfu mix-xogħol minħabba vjolenza domestika jew diffikultajiet relatati mas-saħħa mentali. Filwaqt li din tista' ttaffi l-konsegwenzi finanzjarji fit-tul, hija meħtieġa strateġija usa' li tinkludi protezzjoni effettiva, aċċess għal akkomodazzjoni sigura u appoġġ psikoloġiku u legali. Għandhom jissaħħu wkoll il-miżuri li jippermettu lill-vittmi tal-vjolenza domestika jitbiegħdu minn sitwazzjonijiet abbużivi mingħajr ma jiġu penalizzati fuq il-post tax-xogħol jew fil-ħajja finanzjarja tagħhom.

Barra minn hekk, il-Kunsill jilqa' l-estensjoni tal-allowance supplimentari tal-orfni minn 21 sena sa 25 sena, f'każijiet fejn iż-żgħażagħ ikunu għadhom għaddejjin bl-istudji tagħhom jew għall-perjodu ta' sitt xhur wara l-gradwazzjoni u d-dħul fid-dinja tax-xogħol. Iż-żieda fl-allowance għal €170 fil-ġimgħa, minn massimu preċedenti ta' €134.82, tirrappreżenta appoġġ finanzjarju li jista' jgħin biex jitnaqqas il-piż ekonomiku fuq dawn iż-żgħażagħ u jsaħħaħ l-opportunitajiet tagħhom għal aktar edukazzjoni, taħriġ u indipendenza. Aspett li l-Kunsill xtaq jara iktar rifless f'dan il-Baġit huwa investiment konkret fl-edukazzjoni inklużiva fil-livell primarju u sekondarju. In-nuqqas ta' riżorsi adegwati biex l-istudenti jingħataw l-appoġġ individwalizzat li jeħtieġu jibqa' sfida li tista' taffettwa l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fil-proċess edukattiv.

Għalhekk, il-Kunsill jemmen li kien ikun importanti li tingħata aktar attenzjoni lill-professjoni tal-Learning Support Educators, permezz ta' rikonoxximent aħjar tal-kwalifiki tagħhom u reviżjoni tal-paga. Dawn il-miżuri jistgħu jgħinu biex il-professjoni ssir aktar attraenti, jiżdied in-numru ta' persuni li jagħżlu li jidħlu fiha u jissaħħu r-riżorsi umani meħtieġa biex tiġi żgurata edukazzjoni aktar inklużiva, fejn kull student ikollu l-opportunità li jipparteċipa u javvanza skont il-ħtiġijiet tiegħu.

Bl-istess mod, il-Kunsill jemmen li hemm bżonn ta' aktar investiment u miżuri konkreti biex jissaħħu t-tranżizzjonijiet mill-edukazzjoni sekondarja għall-edukazzjoni ogħla. Dawn il-perjodi ta' tranżizzjoni jistgħu joħolqu sfidi addizzjonali għal studenti li jeħtieġu appoġġ speċifiku, u għalhekk huwa essenzjali li jkun hemm kontinwità fl-appoġġ u s-servizzi offruti lilhom. Dan jinkludi aktar koordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet edukattivi, gwida xierqa u aċċess għal riżorsi u akkomodazzjonijiet li jirrispondu għall-ħtiġijiet individwali tal-istudenti. B'dan il-mod, ikun jista' jiġi żgurat li l-inklużjoni ma tieqafx mal-edukazzjoni sekondarja, 10 iżda tkompli tkun prinċipju ewlieni fl-aċċess għall-edukazzjoni ogħla u fl-opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja.

Il-Kunsill jesprimi d-diżappunt tiegħu għan-nuqqas ta' miżuri konkreti li jindirizzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tisħiħ tad-drittijiet u s-servizzi għall-persuni LGBTIQ+, u l-protezzjoni kontra kull forma ta' diskriminazzjoni. Dawn l-oqsma jeħtieġu impenn konkret, riżorsi adegwati u pjanijiet ċari ta' implimentazzjoni, speċjalment fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Gvern li din is-sena jagħti lil dan il-qasam rappreżentanza ministerjali dedikata.

Fuq livell istituzzjonali, il-KNŻ jemmen li għandhom ikomplu jissaħħu l-istituzzjonijiet indipendenti li jħarsu d-drittijiet tal-bniedem u jippromwovu l-ugwaljanza. Jeħtieġ ukoll li r-riformi fil-qasam tal-ġustizzja jtejbu l-aċċess għal informazzjoni legali u servizzi ġudizzjarji, b'mod partikolari għal dawk li jiffaċċjaw ostakli finanzjarji, soċjali jew diġitali. Fl-aħħar nett, il-Kunsill jenfasizza li ż-żgħażagħ għandhom ikunu involuti b'mod attiv fit-tfassil tal-politiki li jaffettwaw id-drittijiet u l-benesseri tagħhom. Il-konsultazzjoni għandha tkun sostanzjali u kontinwa, b'segwitu ċar għall-proposti mressqa.

B'mod ġenerali, il-KNŻ jilqa' l-miżuri li joffru appoġġ dirett lil persuni u familji vulnerabbli, iżda jħeġġeġ lill-Gvern biex jara li dawn ikunu parti minn strateġija usa' għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-ħarsien tad-drittijiet ċivili. Dan jeħtieġ skadenzi ċari, riżorsi adegwati u mekkaniżmi trasparenti biex jitkejjel il-progress. Is-suċċess għandu jitkejjel mhux biss mill-fondi allokati, iżda mill-bidliet konkreti li dawn iġibu fil-ħajja tan-nies u fil-ħolqien ta' soċjetà aktar ġusta u inklużiva.

# MIŻURI LI JOLQTU INDIVIDWI TA' PAJJIŻI TERZI

Fir-reazzjoni tal-KNŻ għall-Baġit preċedenti, il-Kunsill innota li kien hemm nuqqas ta' politka biex jittieħed ħsieb l-interessi tal-ħaddiema minn pajjiżi terzi. Dan minkejja li dawn l-istess ħaddiema jagħmlu parti sostanzjali tas-suq tax-xogħol. Minbarra hekk, Malta hija waħda mill-ewwel punti ta' daħla għall-flussi ta' immigrazzjoni lejn l-Ewropa. Dan ifisser ukoll li Malta għanda aċċcess għal numru konsiderevoli ta' ħaddiema barranin potenzjali. Studju tas-sena 2024 tal-International Monetary Fund juri li n-numru ta' barranin fis-suq tax-xogħol żdied sa madwar 35% tal-ħaddiema kollha. L-istudju juri wkoll li f'ċerti setturi, bħall-ospitalità u l-kostruzzjoni, il-ħaddiema barranin jagħmlu madwar nofs tal-ħaddiema kollha. B'hekk, irridu naċċettaw li ċerti setturi huma dipendenti fuq il-ħaddiema barranin.

Fil-Baġit 2027, minflok ma tħabbru miżuri biex dawn il-ħaddiema jkunu jistgħu jikkontribwixxu aktar għall-ekonomija Maltija, tħabbru miżuri li jagħmluha aktar diffiċlli biex jaħdmu hawn. Fost dawn il-miżuri diskriminatorji, il-Gvern ħabbar li se jiżdid it-tariffa 11 fuq il-permess tax-xogħol min €600 għal €800 għall-applikazzjonijiet ġodda. Barra minn hekk, żdiedet ukoll tariffa għall-kontribut tal-infrastruttura, li jridu jħallsuha applikanti ġodda u individwi li jridu jġeddu l-permess tagħhom. Fl-istess waqt, il-Gvern ħabbar ukoll li ċ-ċekk li jingħata għax-xogħol atipiku se jibda jingħata biss lil ċittadini Maltin u Għawdxin, tal-UE u long-term residents.

Barra milli jgħolli l-barriera biex ħaddiema minn pajjiżi terzi jaħdmu f'Malta, il-Gvern Malti ħa d-deċiżjoni li jneħħi l-użu b'xejn tat-trasport pubbliku għan-nies minn pajjiżi terzi li mhumiex long term residents. Barra minn hekk, minn dan il-Baġit 'il quddiem, nies ta' pajjiżi terzi li m'għandhomx long-term residence, mhumiex konjuġi ta' long-term residents jew inkella ma jaħdmux fis-settur tas-sewqan se jkollhom iħallsu €83 fix-xahar għall-liċenzja ta' kategorija B u B1. Apparti minn hekk, ġie mħabbar ukoll li mis-sena li ġejja iċ-childcare b'xejn se jiġi ristrett għall-ħaddiema Maltin, Għawdxin, mill-UE u residenti long-term. Madanakollu, dawk li diġà qed jagħmlu użu mis-servizz mhux se jkollhom l-ebda tibdil fl-eliġibilità tagħhom.

Il-Kunsill jixtieq kjarifika dwar ir-raġunament wara dawn il-miżuri. Lil hinn mid-diskors ta' kif dawn il-miżuri għandhom xejra diskriminatorja, il-Kunsill jixtieq jifhem kif il-Gvern, wara li għamel snin iżid inċentivi biex jiġu ħaddiema barranin f'Malta ħalli dawn l-istess barranin ikunu jistgħu jagħmlu x-xogħlijiet li l-Maltin allegatament 'ma jridux', issa qed iżid miżuri ekonomiċi li jiskonsiljaw ħaddiema ta' pajjiżi terzi milli jibqgħu hawn. Huwa magħruf il-fatt li hemm parti mill-popolazzjoni Maltija li hija skomda biż-żieda ta' ħaddiema barranin iżda l-Kunsill xorta waħda jistaqsi x'se jiġri mix-xogħolijiet li llum jiddpenedu fuq il-barranin biex isiru u li frekwentament huma mħallsa b'pagi minimi, bħal dawk fl-industriji vitali tat-turiżmu u s-saħħa.

B'hekk il-Kunsill ma jistax jifhem kif il-Baġit qed iħares lejn il-preżent u l-futur meta qed jagħmilha iktar diffiċli għall-ħaddiema ġejjin minn pajjiżi terzi biex jaħdmu f'Malta mingħajr rimedju għal dawn l-industriji. Dan meta l-istatistika turi li f'setturi li jikkontribwixxu l-aktar għall-ekonomija Maltija, bħat-turiżmu, madwar nofs il-ħaddiema huma barranin. Għaldaqstant, jekk niskonsiljaw b'mod ekonomiku dawn il-ħaddiema milli jibqgħu f'Malta, il-vijabbiltà ta' dawn is-setturi se tieħu daqqa kbira.

# AMBJENT U ENERGIJA

Filwaqt li l-manifest elettorali tal-Partit Laburista jtenni l-impenn tiegħu li jwettaq proġetti ambjentali kbar, fil-Baġit hemm nuqqas sinifikanti ta' proposti marbuta mal-ambjent naturali. Barra minn hekk, għalkemm hemm proposti relatati mal-ispazji ta' rikreazzjoni u mal-artijiet li bħalissa jinħadmu mill-bdiewa, dawn jibqgħu vagi. Hemm bżonn ta' aktar kjarifika dwar kif dawn il-proposti se jiġu implimentati.

Hemm bżonn investiment fil-protezzjoni tal-bijodiversità, kemm tal-art kif ukoll fil-baħar. Is-salvagwardja tal-bijodiversità hija essenzjali biex inżommu ekosistemi b'saħħithom u biex tiġi żgurata s-sopravivenza tal-organiżmi ħajjin kollha. Il-protezzjoni tal-bijodiversità tippreserva wkoll il-abitati naturali, tipprevjeni l-estinzjoni tal-ispeċi u tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jkomplu jibbenefikaw mid-dinja naturali u jgawduha.

Skema pożittiva li tħabbret riċentament hija dik ta' kumpens għal dawk li jrabbu n-naħal b'mod kummerċjali u li ġew affettwati mill-attakki tal-Oriental Hornet, flimkien mal-appoġġ biex jiġu stabbiliti kolonji ġodda. Madankollu, in-nuqqas ta' din l-iskema fil-baġit tal-2027 iqajjem tħassib dwar jekk dawk li jrabbu n-naħal affettwati humiex se jirċievu l-assistenza meħtieġa biex jibnu mill-ġdid il-kolonji tagħhom u jissalvagwardjaw il-popolazzjonijiet tan-naħal ta' Malta.

Miżura pożittiva oħra li ma kinitx riflessa fil-Baġit tal-2027 hija l-qafas ta' ġestjoni ġdid għall-Park Marittimu taċ-Ċirkewwa, li kellu jbiddel din iż-żona marittima minn deżinjazzjoni legali għal protezzjoni tanġibbli.

Fil-qasam tal-enerġija, nilqgħu l-investiment fit-tisħiħ u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tad-distribuzzjoni tal-elettriku, kif ujikk il-fatt li se jitkompla x-xogħol fuq it-tieni interconnector ma' Sqallija, u jsiru studji tekniċi għal tielet interconnector u għal konnessjoni ġdida bejn Malta u Għawdex. Nilqgħu ukol il-fatt li se jitkomplew l-istudji fuq l-ewwel off-shore windfarm. L-investiment fl-enerġija sostenibbli huwa pass pożittiv lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju u it-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili.

Il-ġestjoni tal-iskart kienet kwistjoni importanti oħra li ma ġietx indirizzata fil-Baġit tal-2027, minkejja l-implikazzjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali tagħha. F'April ta' dis-sena, il-Gvern ħabbar pjanijiet biexjinstalla kontenituri tal-iskart taħt l-art biex jimmodernizza l-ġbir tal-iskart f'żoni residenzjali u turistiċi. Il-fatt li din l-inizjattiva ma ġietx inkluża b'mod espliċitu fil-Baġit, qajmet mistoqsijiet dwar il-kontinwita', il-finanzjament u l-espansjoni tal-infrastruttura għall-immaniġġjar tal-iskart.It-tnaqqis tal-iskart u l-użu mill-ġdid huma essenzjali biex tiġi minimizzata l-pressjoni fuq il-miżbliet, jiġu kkonservati r-riżorsi naturali, jitnaqqas it-tniġġis u tiġi appoġġata ekonomija ċirkolari li fiha l-prodotti jibqgħu jintużaw għall-itwal żmien possibbli.

Finalment, infakkru li t-tibdil fil-klima huwa emerġenza globali li teħtieġ azzjoni immedjata u impenji konkreti minn kull pajjiż. In-nuqqas li jintlaħqu l-miri klimatiċi stabbiliti jirriskja li jwassal għal konsegwenzi katastrofiċi għall-ġenerazzjonijiet kemm preżenti u futuri. Għalhekk, huwa essenzjali li l-miri ma jibqgħux biss wegħdiet, iżda jiġu appoġġati b'miżuri konkreti, investiment u monitoraġġ kontinwu, sabiex nipproteġu l-ambjent u niżguraw futur aktar sigur u sostenibbli għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

# ARTI U KULTURA

F'dan il-Baġit, bħas-snin ta' qabel, intqal ftit ħafna dwar l-arti u l-kultura u kif dan is-settur jikkontribwixxi għal kull aspett tal-ekonomija Maltija. Filwaqt li l-Ewropa qed tagħmel l-arti u l-kultura parti ċentrali fil-policies tagħha fejn tidħol l-edukazzjoni, is-saħħa, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-investiment u strateġija fit-tul, f'Malta qed naraw nuqqas ta' wegħdiet konkreti fis-settur kreattiv u kulturali.

L-Ewropa bħalissa qed iżżid il-pressjoni tagħha biex l-arti ssir iktar ċentrali fit-tagħlim u l-ħajja tar-residenti tagħha. F'reżoluzzjoni fl-2021, il-Parlament irrakommanda li jrid ikun hemm aktar sinerġija bejn is-setturi tal-edukazzjoni u l-kultura. Il-Baġit tal-2027 jiġborhom flimkien taħt keffa waħda, iżda ma jispeċifikax b'mod konkret kif jistgħu jaħdmu flimkien. Saħansitra, fl-2019, il-WHO ħarġet reviżjoni ta' iktar minn 3,000 studju li sabet li l-arti tista' tppromwovi s-saħħa u tgħin fl-immaniġjar u t-trattament ta' probelmi tas-saħħa mentali matul il-ħajjet persuna.

Xejn ma ssemma dwar kif l-arti u saħansitra l-kultura jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-popolazzjoni tal-gżejjer Maltin u Għawdxin meta l-Ewropa qed tiffoka primarjament fuq kif l-arti tista' tkun ta' benefiċċju għas-saħħa tal-persuna. Is-sezzjoni tal-edukazzjoni fil-baġit 2027 issostni li l-prosperità ta' pajjiż tiddependi mill-edukazzjoni tan-nies tiegħu u mill-ħarsien u t-trawwim tal-kultura tiegħu. Madankollu, il-miżuri li se jsiru fis-snin li ġejjin jikkonċernaw it-tagħmir, l-ispazji edukattivi u r-riżorsi umani. Il-kultura mhix meqjusa bħala parti essenzjali fit-tagħlim tal-istudenti.

Fuq livell Ewropew, il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti issa ġew iddikjarati prijorità. Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-2021 talbet lill-Kummissjoni biex tipproponi "Status Ewropew tal-Artist", li jinkludi qafas komuni għall-kundizzjonijiet tax-xogħol u standards minimi fil-pajjiżi kollha tal-UE.

Sussegwentament, riżoluzzjoni oħra f'Novembru 2023, irrakkomandat qafas tal-UE dwar is-sitwazzjoni soċjali u professjonali tal-artisti u l-ħaddiema kulturali. Il-Kumpass Kulturali tal-Ewropa issa jintroduċi wkoll "Karta tal-Artisti tal-UE" ġdida għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti. F'Malta, il-professjonalizzazzjoni tas-settur ma ssemmietx. Mingħajrha, il-work life balance għall-artisti ma jeżistix.

Ħafna organizzazzjonijiet kulturali, artistiċi u mhux governattivi ma jistgħux jeżistu mingħajr il-voluntiera li joffru ħinhom b'xejn fis-settur kreattiv u kulturali. Dawn il-voluntiera qed jiġu minsija. Tressqet l-idea ta' cultural leave, xi ħaġa li kienet tgħin direttament lil dawk li jiddedikaw ħinhom għal dawn is-setturi, iżda din l-idea qatt ma reġgħet issemmiet.

L-Ewropa miexja lejn ippjanar fit-tul għall-kultura. Il-Kumpass tal-Kultura jistabbilixxi l-viżjoni fit-tul tal-Kummissjoni, u jservi ta' gwida għall-politika tal-UE lil hinn mill-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Kultura tal-2018 u l-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2023-2026; dan se jservi bħala l-punt ta' referenza strateġiku għall-kultura fil-qafas baġitarju tal-UE għall-perjodu 2028-2034. Bl-istess mod, l-investiment fil-kultura f'Malta jrid ikun konkret u sostnut minn strateġija fit-tul. Il-baġit ma jsemmix l-investiment li kien imwiegħed qabel fi spazji sostenibbli u aċċessibbli għall-artisti. F'dawn l-aħħar sentejn, l-uniċi eżempji li jissemmew huma ċ-Ċentru Kulturali tal-Marsa u l-ispazju l-ġdid tan-NAPA. L-artisti għandhom bżonn appoġġ fit-tul, mhux strateġija frammentata.

Waħda mill-erba' direzzjonijiet tal-Kumpass Kulturali hija l-użu tal-kultura u l-wirt kulturali biex l-UE ssir aktar kompetittiva u reżiljenti. Malta hija pajjiż fejn il-kultura tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal turiżmu ta' kwalità, iżda l-baġit bilkemm isemmi xejn dwar dan.

Huwa diżappuntanti li diġà qed araw l-effetti tal-klima dinjija u n-nuqqas ta' wegħdiet konkreti għal dan is-settur. L-Ewropa qed tinvesti fil-kultura bħala xi ħaġa essenzjali u importanti għall-edukazzjoni u s-saħħa, filwaqt li qed timxi iktar biex tikseb kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u strateġija fit-tul. Il-Baġit ta' Malta ma joffrix impenn ekwivalenti għal dan is-settur. L-artisti, il-ħaddiema kulturali u l-voluntiera jeħtieġu appoġġ konkret u fit-tul, mhux approċċ frammentat.

# AFFARIJIET BARRANIN

Bħalissa d-dinja qed tiffaċja sfidi u realtajiet ġeopolitiċi kumplessi li qegħdin jevolvu kontinwament. F'dawn iż-żminijiet ir-relazzjonijiet internazzjonali ħadu rwol aktar prominenti fil-ħajja tagħna ta' kuljum, fejn is-sigurtà u l-kooperazzjoni diplomatika saru aktar kruċjali. Il-Kunsill jinnota n-nuqqas ta' żieda adegwata fl-investiment fl-ambaxxati u l-konsulati Maltin. Dawn ir-rappreżentanzi mhumiex sempliċiment għodda għat-tmexxija tar-relazzjonijiet diplomatiċi, iżda għandhom ukoll rwol fundamentali fil-ħarsien tal-interessi taċ-ċittadini Maltin li jgħixu, jaħdmu jew jistudjaw barra minn pajjiżna. Investiment sostnut fil-qasam tal-affarijiet barranin għandu jitqies bħala prijorità strateġika, mhux biss sabiex Malta ssaħħaħ il-preżenza u l-kredibbiltà tagħha fuq livell internazzjonali, iżda wkoll ħalli tiggarantixxi li kull ċittadin Malti barra minn xtutna jkollhu aċċess għal rappreżentanza adegwata, appoġġ f'waqtu u servizzi li jirriflettu l-ħtiġijiet tad-dinja moderna.

# XJENZA, RIĊERKA, INNOVAZZJONI U TEKNOLOĠIJA

Il-KNŻ jilqa' t-tnaqqis tar-rata tat-taxxa minn 35 għal 25 fil-mija fuq il-profitti investiti mill-ġdid għal kumpaniji b'turnover sa miljun ewro. Din il-miżura tibni fuq il-Youth-Led Start-Up Support Scheme, li ġiet imnedija din is-sena, u fuq il-miżuri għall-intraprendituri żgħażagħ imħabbra s-sena l-oħra. Dan jibgħat sinjal pożittiv lil dawk iż-żgħażagħ li jagħżlu li jibdew negozju tagħhom. Nilqgħu wkoll il-konferma li l-iskemi eżistenti se jiġġeddu, inklużi l-inċentivi għad-diġitalizzazzjoni u l-IA introdotti fil-Baġit li għadda.

Madankollu, f'dan il-qasam il-Baġit huwa prinċipalment wieħed ta' kontinwità, bl-ebda miżura ġdida għar-riċerka u x-xjenza. L-appoġġ eżistenti huwa fil-biċċa l-kbira inċentivi fiskali għall-kumpaniji. Ir-riċerkaturi nfushom, speċjalment dawk żgħażagħ u fil-bidu tal-karriera, jibqgħu barra mill-istampa, minkejja li l-investiment ta' Malta fir-riċerka u l-iżvilupp ilu snin taħt il-medja Ewropea. Il-KNŻ kien jixtieq jara impenn ċar u fit-tul biex dan l-infiq jiżdied, flimkien ma' appoġġ dirett għar-riċerkaturi żgħażagħ, bħal kuntratti aktar stabbli u aktar opportunitajiet għar-riċerka postdottorali. Mingħajr dan, ħafna żgħażagħ ta' talent se jkomplu jfittxu l-karriera tagħhom barra minn Malta.

Rigward l-IA, filwaqt li l-Gvern ikkonferma li l-iskemi eżistenti se jiġġeddu, il-Baġit ma jagħti l-ebda aġġornament dwar kemm mill-€100 miljun għall-IA mħabbra s-sena l-oħra ntefqu s'issa, x'riżultati kisbu, u x'inhu ppjanat għas-sena d-dieħla. Aktar trasparenza dwar dan il-programm tkun pass importanti, u l-KNŻ jemmen li parti minnu għandha tkun immirata speċifikament lejn iż-żgħażagħ. Il-Baġit lanqas ma jsemmi xejn dwar l-impatt tal-IA fuq l-impjiegi tal-bidu tal-karriera, li huma fost l-aktar esposti. Għalhekk konna nixtiequ naraw aktar opportunitajiet ta' taħriġ fl-IA għaż-żgħażagħ li diġà qed jaħdmu, biex il-bidla teknoloġika ssir opportunità għalihom u mhux theddida.

**REAZZJONI GĦALL-BAĠIT**

Barra minn hekk, ħafna start-ups immexxija minn żgħażagħ ma jagħmlux profitt fl-ewwel snin tagħhom, u għalhekk ma jibbenefikawx mit-tnaqqis fit-taxxa. Għal dawn, aċċess aħjar għall-finanzjament dirett u għall-kapital ta' riskju jagħmel differenza akbar minn inċentiv fiskali.